# Il-Qorti tilqa' proviżorjament talba ta' BirdLife Malta għal mandat ta' inibizzjoni

## Il-Gvern ma jistax joħroġ l-avviż legali li jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Gamiema qabel jinstema' l-każ

Illum, it-3 t'April, BirdLife Malta ressqet talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-Qorti kontra l-Gvern bl-iskop li twaqqfu milli joħroġ l-avviż legali li effettivament jiftaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Gamiema, speċi Vulnerabbli. It-talba, li kienet iffirmata minn Dr Claire Bonello u Dr Martin Farrugia, ftit sigħat biss wara ġiet milqugħa b'mod proviżorju mill-Imħallef Giovanni Grixti.

Il-mandat ta' inibizzjoni hu simili ħafna għal dak li tressaq is-sena li għaddiet minn BirdLife Malta u li kien instema' mill-Imħallef Audrey Demicoli. Id-differenza prinċipali hi li din id-darba, il-mandat qed jintalab biex iwaqqaf l-avviż legali milli jinħareġ, meta dak tas-sena l-oħra tressaq wara li l-avviż legali kien ippubblikat. Fil-fatt, dan kien l-argument tekniku prinċipali li l-Avukat tal-Istat kien insista fuqu u li kien intlaqa' mill-Imħallef Demicoli, li dakinhar kienet iddeċidiet il-każ kontra BirdLife Malta.

Differenza oħra huwa l-fatt li mill-ewwel mandat ta' inibizzjoni lil hawn, il-Gvern Malta rċieva komunikazzjoni diretta mingħand il-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea fetħet proċedura ġdida ta' ksur kontra Malta b'rabta mal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Gamiema. Dawn it-twissijiet kienu ħarġu minħabba li l-istatus tal-Gamiema, ikklassifikata bħala speċi Vulnerabbli, ma jippermetti l-ebda deroga mid-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar biex din l-ispeċi tiġi kkaċċjata fir-rebbiegħa.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "M'hemm assolutament l-ebda dubju li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq il-Gamiem f'Malta jmur kontra d-Direttiva dwar l-Għasafar tal-UE. Id-Direttiva titkellem ċar ħafna li l-kaċċa fir-rebbiegħa hija illegali, u l-fatt li l-istatus tal-Gamiema huwa

Vulnerabbli – kif iddikjarat mill-IUCN u aċċettat mill-UE – ikompli jsaħħaħ il-ħtieġa li kull Stat Membru jipproteġiha meta tkun qed tpassi lejn il-postijiet fejn tbejjet. Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea huma l-liġi li kull Stat Membru jrid jadotta fil-leġiżlazzjoni lokali tiegħu. Il-leġiżlazzjoni lokali qatt u bl-ebda mod ma tista' tmur kontra d-direttivi Ewropej, l-aktar għaliex dawn huma ogħla minn kull leġiżlazzjoni lokali, inkluż il-liġijiet kostituzzjonali tagħna. Il-qrati lokali għalhekk huma wkoll responsabbli li jħarsu d-Direttivi tal-UE."

Is-smigħ tal-mandat ta' inibizzjoni li kien aċċettat b'mod proviżorju llum ġie appuntat għat-18 ta' April 2023.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratt:**

- Il-Gamiema – speċi Vulnerabbli li m'għandhiex tiġi kkaċċjata fir-rebbiegħa